TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 208/16-F

**Sergio Darmanin**

**vs**

**Draz's Dinghy Boats, Jetski's & Scooters**

Illum 23 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), rappreżentanti prezz ta' mutur tal-baħar li wara li nxtara ma bediex jaħdem u minkejja li saret xi tiswija xorta baqa' bl-istess problema.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mutur tal-baħar, illi wara li nxtara ma bediex jaħdem u minkejja li saret xi tiswija xorta baqa' bl-istess problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ permezz tal-Affissjoni, u li għat-Tribunal dan ifisser li mhux qed jikkontesta t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li sema' lir-rikorrenti, qed jemmen il-verżjoni tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-mutur tal-baħar jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**